31988L0665

L 382/42 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 31.12.1988

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tal-21 ta' Diċembru 1988

li temenda diversi Direttivi dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fejn hemm dispożizzjoni f'dawk id-Direttivi għall-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej ta' attestazzjonijiet u ċertifikati

(88/665/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 100a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

F'kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Billi diversi Direttivi tal-Komunità jipprovdu dispożizzjonijiet ġenerali li jikkonċernaw partikolarment proċeduri għall-approvazzjoni tal-KEE, eżami tat-tip KEE, verifika tal-KEE u ċertifikazzjonijiet tal-KEE oħra; billi Direttivi speċifiċi oħra jagħmlu referenza għal dawn il-proċeduri;

Billi fil-kuntest tal-proċeduri għall-approvazzjoni tal-KEE u eżami tat-tip tal-KEE, huma provduti sistema reċiproka ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u/jew korpi awtorizzati kif ukoll notifika lill-Kummissjoni taċ-ċertifikati mogħtija; billi estratt taċ-ċertifikati għandu jkun ippubblikat ukoll fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej;

Billi l-esperjenza miksuba wriet li l-pubblikazzjoni ta' estratti ta' ċertifikati u attestazzjonijiet fil-Ġurnal Uffiċjali ma ttejjibx b'mod konsiderevoli t-trasparenza tal-kwistjoni, billi dan huwa diġà assigurat b'mod sodisfaċenti b'mezzi oħra; billi l-pubblikazzjoni għalhekk mhix essenzjali u tista' titwaqqaf,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Id-Direttivi li ġejjin huma emendati kif ġej:

1. Id-Direttiva tal-Kunsill 71/316/KEE tas-26 ta' Lulju 1971 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mad-dispożizzjonijiet komuni kemm għall-istrumenti tal-kejl kif ukoll għall-metodi ta' kontroll metroloġiku ([3]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 87/355/KEE ([4]):

   fl-Anness I, il-punt 5.1 huwa mħassar, u f'punt 5.3 ir-riferenza għall-punt 5.1 hija mħassra;

2. Id-Direttiva tal-Kunsill 76/767/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mad-dispożizzjonijiet komuni għal apparat bil-pressa u metodi għall-ispezzjoni tagħhom ([5]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 87/354/KEE ([6]):

   fl-Anness I, il-punt 4.1 huwa mħassar, u f'punt 4.3 ir-riferenza għall-punt 4.I hija mħassra;

3. Id-Direttiva tal-Kunsill 79/196/KEE tas-6 ta' Frar 1979 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' tagħmir elettriku għall-użu f'atmosferi potenzjalment splussivi li jkollhom ċertu tipi ta' protezzjoni ([7]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 84/47/KEE ([8]):

   fl-Artikolu 6, il-paragrafu 2 huwa mħassar, u fl-Artikolu 7(1) ir-riferenza għall-Artikolu 6 hija mħassra;

4. Id-Direttiva tal-Kunsill 84/528/KEE tas-17 ta' Settembru 1984 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mad-dispożizzjonijiet komuni għall-apparat għall-irfigħ u t-tqandil mekkaniku ([9]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 87/354/KEE:

   fl-Anness I, il-punt 5.1 huwa mħassar, u f'punt 5.3 ir-riferenza għall-punt 5.1 hija mħassra;

5. Id-Direttiva tal-Kunsill 84/530/KEE tas-17 ta' Settembru 1984 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mad-dispożizzjonijiet komuni għal apparat li juża karburanti gassużi, tagħmir għas-sigurezza u kontroll għal dan l-apparat u metodi ta' sorveljanza tagħhom ([10]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 87/354/KEE:

([1]) ĠU C 156, tal-15.6.1987, p. 190 u ĠU C 309, tal-5.12.1988.
([2]) ĠU C 232, tal-31.8.1987, p. 7.
([3]) ĠU L 202, tas-6.9.1971, p 1.
([4]) ĠU L 192, tal-11.7.1987, p 46.
([5]) ĠU L 262, tas-27.9.1976, p 153.
([6]) ĠU L 192, tal-11.7.1987, p. 43.
([7]) ĠU L 43, ta' l-20.2.1979, p 20.
([8]) ĠU L 31, tat-2.2.1984, p 19.
([9]) ĠU L 300, tad-19.11.1984, p 72.
([10]) ĠU L 300, tad-19.11.1984, p 95.

fl-Anness I, il-punt 5.1 huwa mħassar, u f'punt 5.3 ir-riferenza għall-punt 5.1 hija mħassra;

6. Id-Direttiva tal-Kunsill 84/532/KEE tas-17 ta' Settembru 1984 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mad-dispożizzjonijiet komuni għall-apparat u tagħmir ta' kostruzzjoni [1], kif l-aħħar emendata bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall:

fl-Anness I, il-punt 4.1 huwa mħassar, u f'punt 4.3 ir-riferenza għall-punt 4.1 hija mħassra;

L-Artikolu 2

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-21 ta' Diċembru 1988.

Għall-Kunsill

Il-President

V. PAPANDREOU

[1] ĠU L 300, tad-19.11.1984, p 111.